KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
F: (0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
www.iklin.lc.gov.mt

Rapport Amministrattiv 2015

Qed nippreżenta dan ir-rapport amministrattiv fil-kapaċità ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali L-Iklin li jirrifletti l-ħidma u l-operat tal-Kunsill Lokali li jkopri l-perjodu bejn Jannar u Diċembru 2015.

Nibda dan ir-rapport billi ndur lejn l-allokazzjoni finanzjarja li jgħaddi l-Gvern Ċentrali lill-Kunsill Lokali L-Iklin biex ikun jista joffri s-servizzi tiegħu liċ-ċittadini tal-Iklin. L-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2015 kienet ta' Eur227,377.

Kif kelli l-opportunità nsemmi fir-rapporti amministrattivi preċendenti, il-Kunsilli Lokali jirċievi direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, dik li tissejjaħ ring fencing biex il-Kunsill Lokali jkun gwidat ta' kif għandu juża l-allokazzjoni. Għall-parki u ġonna u soft areas, il-Kunsill Lokali kellu vot ta' €3,444; għall-manutenzjoni tat-toroq, il-Kunsill Lokali kellu vot ta' €80,794; għall-immaniġġjar tal-iskart kellu vot ta' €47,447; nefqa għall-amministrazzjoni €81,746; u ammont allokat għal tipping fees ta' €13,946.

In vista ta' din l-ispjegazzjoni, il-Kunsill Lokali għandu responsabbiltà kbira kif għandu jamministra dawn il-fondi fejn il-Kunsill Lokali jrid jiggarantixxi li jlaħħaq mal-kuntratti obbligatorji, in-nefqa amministrattiva, u n-nefqa kapitali.

It-trasparenza u l-kontabbiltà huma l-pedamenti tad-dritt fundamentali għall-amministrazzjoni pubblika tajba.

**Laqgħat tal-Kunsill Lokali**

Matul is-sena 2015, il-Kunsill Lokali ltaqa' formalment 20 darba. L-attendenza tal-membri tal-Kunsill Lokali kienet waħda sodisfaċenti. Il-laqgħat huma pubbliċi u *streamed live* għall-benefiċċju tar-residenti u l-pubbliku inġenerali.

Fl-1 ta' Mejju 2015, bdiet it-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali L-Iklin. L-ewwel seduta tal-Kunsill inżammet nhar it-Tnejn, 4 ta' Mejju 2015.

Minbarra l-laqgħat tal-Kunsill Lokali, inżammu numru ta' laqgħat oħra ma' entitajiet tal-Gvern u *stakeholders* oħra dwar issues pendenti, pjanijiet u proġetti oħra tal-Kunsill.

**Parteċipazzjoni fl-Iskemi li jniedi d-Dipartiment tal-Gvern Lokali**

**Memo 25/2014 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-15**

Għal sena oħra, il-Kunsill Lokali l-Iklin kien minn ta' quddiem biex jippromwovi l-attività fiżika biex iċ-ċittadini ta' din il-kommunità jgħixu ħajja sana. Il-Kunsill Lokali applika għal din l-iskema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet biex iċ-ċittadini tal-lokalità jieħdu sehem fil-korsijiet tal-Aerobics, Pilates, Zumba u swimming sessions.

Nru. ta' parteċipanti: Kors ta' Zumba (15-il parteċipant)

Kors ta' Aerobics (15-il parteċipant)

Kors ta' Aerobics (10-il parteċipant)

Is-sessjonijiet bdew f'Marzu u baqgħu sejrin sa Ġunju 2015

It-tfal tal-Iklin li jattendu KlabbSajf Parroċċa ibbenifikaw minn sessjonijiet ta' għawm fil-Pixxina Nazzjonali matul ix-xhur tas-Sajf. Il-Kunsill Lokali kien minn ta' quddiem biex japplika għal dawn l-iskemi li joħroġ id-Dipartiment biex tgawdi l-komunità tal-Iklin.

Il-Kunsill Lokali L-Iklin kien mogħti ċertifikat ta' parteċipazzjoni nhar l-1 ta' Awwissu mill-Onor. Dott. Stefan Buontempo, Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali talli ħa sehem fl-Iskema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-15. Il-Viċi Sindku Dr. Dorian Sciberras attenda għal din il-preżentazzjoni.

**Marzu 2015 – Memo 5/2015 Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet LifeLong Learning 2015-16**

Għal sena oħra, il-Kunsill Lokali L-Iklin kien disponibbli joffri l-ispazju fil-*premises* tiegħu biex ir-resident ikollu l-opportunità ta' tagħlim għall-adulti fil-lokalità permezz ta' skema bejn id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u d-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja.

Il-Kunsill Lokali bagħat ċirkolari biex jinforma lir-residenti kollha dwar l-opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja. Il-Kunsill Lokali L-Iklin ta s-sehem tiegħu billi għen lill-edukaturi tal-adulti sabiex jikkordinaw il-bżonnijiet loġistiċi marbuta mal-lezzjonijiet tal-parteċipanti. Il-korsijiet kienu ta' livell bażiku u wasslu għall-kwalifika fl-ewwel u t-tieni livell fil-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki.

**Attivitajiet soċjali/kulturali/edukattivi bħala mezz ta' *community engagement***

Il-Kunsill Lokali jemmen fis-sħiħ li għandu jżomm kuntatt mal-komunità permezz tal-attivitajiet soċjo-kulturali.

Fl-10 ta' Marzu ġiet organizzata Jum il-Mara fejn attendew 172 persuni.

Fis-7 ta' Mejju ġiet organizzata Jum l-Omm fejn attendew madwar 130 persuna.

Fil-25 ta' Awwissu ġiet organizzata mawra fi Sqallija. Attendew 40 persuna.

Fil-11 ta' Settembru ġiet organizzata attività oħra 'Gozo by Night' fejn kien hemm attendenza tajba.

Fid-9 ta' Ottubru kienet organizzata lejla kulturali bil-pubblikazzjoni ta' dizzjunarju bilingwi tal-Prof. Charles Briffa, residenti l-Iklin.

Fis-6 ta' Diċembru kienet mtella attività favur l-Ambjent fil-Ġnien tal-Pjazza Ninu Cremona bil-kollaborazzjoni tal-kumpannija awtorizzata GreenMt u d-Direttorat tal-Indafa Pubblika. Inġiebu wkoll il-karattri Garby and Tidy bil-għan li nattiraw it-tfal u sabiex jiġu mgħallma kif għandhom jiddisponu mill-iskart.

Fil-15 ta' Diċembru kienet mtella' attività għall-anzjani fejn żaru l-Fortifications Interpretation Centre fil-Belt Valletta;

Fil-21 ta' Diċembru ġiet organizzata l-Purċissjoni tradizzjonali tal-Milied bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa Familja Mqaddsa;

Fit-22 ta' Diċembru ġiet organizzata l-attività annwali 'Ġej il-Father Christmas';

Fis-26 ta' Diċembru ġie mtella kunċert tal-Milied bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa Familja Mqaddsa;

**Xogħlijiet infrastrutturali – Titjib fis-servizzi u bankini f'żoni residenzjali**

**Proġett – Servizzi tal-Ilma u titjib ta' bankini fi Triq Ċensu Busuttil bejn Triq Ġużè Galea u Triq Dwardu Cachia – Permess għal xogħlijiet fit-Toroq RWP1-1213/14.**

Investiment ta' Eur48,228.67c fejn il-Kunsill Lokali L-Iklin irnexxielu jilħaq ftehim mall-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma biex jinbidel *water main* u l-*household connections* biex ir-residenti taż-żona jkollhom livell ta' pressa tal-ilma aħjar.

Il-Kunsill Lokali L-Iklin daħal għall-proġett ta' bankini ġodda tul ta' 542 metri b'materjal C20 100mm deep *ready mix concrete* biex titjib l-aċċessibilità għall-ġid komuni tar-residenti.

Dan il-proġett ħa (4) xhur biex jiġi konkluż. Peress li x-xogħol beda f'Jannar u kellna xitwa qalila fejn kien reġistrat waħda mill-aktar snin li niżlet xita matul dan il-perjodu, telfet mill-pjanijiet tal-Kunsill Lokali. Fil-fatt, meta kien qed isir *review* dwar il-proġett, dan kien wieħed mill-*constraints* li ltaqa' miegħu l-Kunsill. Barra minn hekk, il-Kunsill Lokali ipprova joħloq dik li bl-Ingliż tissejjaħ *collaborative strategy* bejn il-ħaddiema taċ-Ċivil u l-kuntrattur privat però ma kenitx faċli biex tippjana u tikkordina x-xogħol u żżomm ma' *deadlines* stabbiliti. Fattur ieħor li fixkel il-pjan tal-Kunsill kien id-diffikultà li sabu l-ħaddiema meta ġew biex ifasslu l-bankini minħabba l-livelli differenti bejn residenza u oħra jew *garage* u ieħor. Il-Kunsill Lokali ried jassigura li l-bankini ġodda jkollhom wiċċ tajjeb u livellat biex ikunu aċċessibbli għal kulħadd. Il-Perit tal-Kunsill kellu biċċa xogħol diffiċli biex ifassal il-bankini li f'ħafna ċirkostanzi, ħafna mid-deċiżjonijiet kellhom jittieħdu fuq il-kriterju *case by case*. Il-Kunsill ried jelimina li jsiru *dropper kerbs* fejn hemm *garages* bl-iskop li l-bankini jkollhom livell wieħed u ma tkunx ta' periklu għall-*pedestrian*.

Il-permess tax-xogħlijiet ħarġu fis-16 ta' Jannar u kellhom jiġu kompluti fit-13 ta' Marzu 2015.

**Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali – 11 ta' April**

Nhar is-Sibt, 11 ta' April, ir-residenti kollha li isimhom kien jidher fir-Reġistru Elettorali kienu msejħin biex jivvutaw għal ħames Kunsillieri għal erba' snin li ġejjin. Il-kandidati li kkontestaw l-Elezzjoni tal-Kunsill Lokali kienu dawn is-sinjuri: Attard Giuseppe, Azzopardi Maris, Borg Anthony, Buttigieg Wilfrid, Bartolo Yvonne, Dalli Anthony, Fenech Martin u Sciberras Dorian.

L-għadd tal-voti sar nhar is-Sibt 18 ta' April. Il-kandidati eletti kienu dawn is-sinjuri: Dalli Anthony elett bħala Sindku, Dr. Dorian Sciberras elett bħala Viċi-Sindku, u s-sinjuri Buttigieg Wilfrid, Azzopardi Maris, u Bartolo Yvonne bħala Kunsillieri.

Iċ-Ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra tal-Kunsillieri saret nhar l-Erbgħa, 20 ta' April 2015 ġewwa Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, il-Belt Valletta.

L-ewwel seduta tal-Kunsill inżammet nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju 2015 fejn is-Sindku Anthony Dalli ħa l-Ġurament tal-Kariga ta' Sindku filwaqt li Dr. Dorian Sciberras ħa l-Ġurament tal-Kariga ta' Viċi Sindku quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Noel Bartolo.

**Laqgħat mal-Ministeri dwar *issues* pendenti fil-lokalità**

Fit-8 ta' Mejju saret laqgħa ma' *Chief-of-staff* tal-Onor. Ministru Dr. Carmelo Abela dwar il-ħwat li nbnew fi Triq San Mikiel matul l-amministrazzjoni preċedenti. L-iskop ta' dawn il-ħwat kienu sabiex il-Kamra tan-Nar ta' San Mikiel tkun konformi mal-liġi tal-piroteknika. Min-naħa l-oħra, is-Sindku kien ċar li huwa ma kienx kontra l-Kamra tan-nar jew il-piroteknika. Huwa kontra li tinżamm il-ħażna tan-nar għaliex f'dak il-każ hemm element ta' periklu. Din il-laqgħa saret mas-Sur Anthony Vella Gregory u kienet waħda kordjali. Is-Sindku Dalli tkellem dwar il-fatt li l-lokalità intlaqtet b'mod negattiv għall-fatt li naqas il-parkeġġ li tista tgħid saret problema akuta fl-Iklin.

**Manutenzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill**

Fis-Sajf li għadda, sar xogħol ta' manutenzjoni fuq is-soqfa tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**Manutenzjoni ta' 'Wilson Garage' li jintuża bħala 'Sala tal-Kunsill' fi Triq Dr. Lewis F. Mizzi**

Il-Kunsill Lokali ikkummissjona lill-Perit William Lewis biex jispezzjona u jassessja l-kundizzjoni tal-fond 'Wilson Garage' li qed iservi bħala 'Sala tal-Kunsill' minħabba ingress tal-ilma tax-xita mill-*sky lights* eżistenti u minn partijiet oħra bil-konsegwenza li kkawża ħsarat f'partijiet mis-soqfa tal-*concrete*. L-Infiltrazzjoni tal-ilma tax-xita iddeterjora partijiet mis-saqaf li kienu evidenti filwaqt li trabba veġitazzjoni u moffa.

Peress li waħda mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt tgħid li 'l-fond għandu jinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni għalhekk kull spiża li jeħtieġ il-fond, tant interna kemm esterna, tant ordinarja kemm straordinarja, anke jekk ordnata minn xi awtorità jew rikjesta mil-liġi tkun a karigu tal-inkwilin, mingħajr ebda jedd ta' rigress kontra l-kumpannija'.

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali kellu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex isiru t-tiswijiet u l-manutenzjoni ta' dan il-fond li huwa mikri lill-Kunsill Lokali L-Iklin mingħand Abbey Holdings Ltd.

Nel frattemp, kien hemm tibdil fis-servizzi ta' Perizja u peress li l-Perit Lewis ma wriex ix-xewqa li jkompli jsegwi l-proċess fuq dan il-fond, bi qbil bejn iż-żewġ partijiet, wara sejħa pubblika, kien magħżul il-Perit Anthony Bezzina biex ikompli jsegwi l-proċess.

Fuq parir tekniku tal-Perit Bezzina, kien deċiż li l-fond kellu jingħalaq għall-fini ta' saħħa u sigurtà. Skont l-aħħar rapport tal-Perit, jidher li s-soqfa ta' dan il-fond mhumiex f'kundizzjoni tajba anke għall-fatt li l-metodu użat fil-kostruzzjoni tal-bini llum huwa wieħed inaċċettabbli. Għaldaqstant huwa meħtieġ li jinbidel is-saqaf ta' dan il-fond u xogħlijiet oħra anċillari.

F'Diċembru 2015, il-Kunsill Lokali kiteb formalment lis-sid ta' dan il-fond biex niltaqgħu mill-aktar fis bil-ħsieb li jinbidel is-saqaf u tinqasam l-ispiża.

Temporanjament, il-Kunsill Lokali kellu jwaqqaf l-attivitajiet kollha li kienu jsiru fis-Sala tal-Kunsill inkluż is-servizz tal-Berġa. Preżentement, dan is-servizz qed jingħata mill-premises tal-Kunsill Lokali L-Iklin.

**Sessjonijiet ta' Informazzjoni/Seminars/Taħriġ għall-amministrazzjoni u l-politiku**

Is-sena 2015 kienet ikkaratterizzata minn serje ta' sessjonijiet ta' informazzjoni dwar il-fondi tal-Unjoni Ewropeja, seminars u konferenzi biex il-Kunsilli Lokali jaħtfu l-opportunitajiet li jeżistu għall-ġid tal-komunità.

Kienet ukoll sena importanti għas-Segretarji Eżekuttivi u l-impjegati tal-Kunsilli Lokali fejn ġie offrut lilhom taħriġ biex itejbu l-kompetenzi tagħhom permezz ta' taħriġ ipprovdut mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

L-Assistent Uffiċjal Prinċipal attendiet għal kors *egovernment services* taħt il-programm ESF 4.243 *Public Services Online Project.*

F'Ottubru 2015, is-Segretarju Eżekuttiv ottjena *diploma* fi *Professional Development Award in Improving Public Management and Governance at Local Level.*

Il-Kunsill Lokali kien ukoll parteċipi fl-iskema Traineeship Scheme taħt ESF 2.201 fejn kienet mibgħuta persuna li qed tirreġistra mal-ETC biex tieħu esperjenza ta' xogħol fil-Kunsill Lokali taħt il-programm *Enhancing Employability through Training* (EET).

**A Partnership for Creative Governance – Performance Management Programme**

F'Mejju li għadda, preċiżament bejn il-25 u d-29 ta' Mejju, is-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv ipparteċipaw fi proġett pilota 'A Partnership for Creative Governance' – Performance Management Programme ġewwa Oslo fin-Norveġja flimkien ma' numru ieħor ta' Kunsilli minn Malta.

Dan il-programm qed jiġi ffinanzjat minn Norway Grants 2009-2014 fejn is-Sur Adrian Mifsud, Project Leader ta' dan il-Proġett mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed jikkordina dan il-proġett pilota flimkien ma' esperti oħra mill-Kunsill tal-Ewropa. Kienet esperjenza dwar kif jitħaddem Performance Management Programme f'Muniċipji barra minn Malta. Kienu erbat ijiem intensivi fejn il-Kunsill Lokali L-Iklin ta l-*input* tiegħu waqt is-sessjonijiet. Ċertament dan l-*istudy visit & training* għandu jservi bħala 'tool kit' importanti fejn il-politiku u l-amministrazzjoni jesegwixxu l-funzjonijiet b'mod effettiv, effiċjenti u fuq kollox b'mod trasparenti.

**Leadership Academy Programme for Local Government**

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ipparteċipaw f'sessjonijiet ta' taħriġ organizzat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bħala Project Operator ta' dan il-proġett. Is-sessjonijiet ingħataw mill-espert John Jackson ikkummissjunat mill-Kunsill tal-Ewropa li huwa nfurmat tajjeb dwar il-Kunsilli Lokali f'Malta. *Leadership Academy Programme* huwa iffinanzjat minn Norway Grant 2009-2014. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali huwa l-Project Operator filwaqt li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ta' Malta, *Centre of Expertise for Local Government Reform (Council of Europe)* u l-*KS Norwegian Association of Local Authorities* huma msieħba f'dan il-proġett.

Is-sessjonijiet li ġew organizzati f'Lulju kienu jitrattaw 'The challenge of Good Governance'. Is-sessjonijietl li ġew organizzati f'Settembru kienu jittrattaw 'Personal and Institutional Capacity', u s-sessjonijiet li ġew organizzati f'Novembru kienu jittrattaw 'Institutional and Community Leadership.

Dan il-programm huwa bbażat fuq *toolkits* u *expertise* ipprovdut mill-Kunsill tal-Ewropa (Centre of Expertise for Local Government Reform) li huwa disinjat għall-ħtiġijiet tal-Kunsilli Lokali speċjalment biex jassisti lis-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi biex itejbu l-abbiltajiet tagħhom.

**Parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali f'seminars organizzati mill-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, MEUSAC u aġenziji oħra tal-Gvern**

E2STORMED Project – Is-Sindku u l-Kunsillieri attendew għal seminar li kien organizzat f'Ġunju li għadda bit-tema 'E2STORMED National Water Conference' fejn ġew trattati t-temi 'National Water Policy', 'National Flood Relief Project', 'Storm Water Challenges in Roads', 'Water and drainage networks in Malta', u E2Stormed Project'.

Ta' interess partikolari għall-benefiċċju tar-residenti ta' din il-lokalità, bl-involviment u x-xogħol siewi tal-Kunsill Lokali L-Iklin, matul is-Sajf li għadda, sar fażi oħra tal-*Flood Relief Project* fi Triq San Mikiel fejn saret infrastruttura *'underground'* biex jinġabar l-ilma tax-xita li jinżel minn Triq il-Wied l-Iklin. B'hekk

ser titnaqqas b'mod drastiku l-problema tal-ilmijiet voluminużi tax-xita li kien jinżel minn Triq il-Wied fejn kien jikkawża ħsarat fit-toroq u perikli oħra għar-residenti ta' Triq Ġeronimo Abos u tal-madwar.

Fis-17 ta' Ġunju, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali L-Iklin kien organizzat seminar ta' informazzjoni għall-Kunsillieri dwar il-fondi tal-Unjoni Ewropeja minn Malta-EU Steering and Action Committee fejn kienu wkoll mistiedna l-Kunsill ta' Ħal Lija, Ħ'Attard, u Ħaż-Żebbuġ.

**Proġett Webcheck għall-Kunsilli Lokali**

Il-Kunsill Lokali L-Iklin kien wieħed mill-ewwel Kunsilli Lokali f'Malta li applika għall-proġett Webcheck, inizjattiva bejn l-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex il-Kunsill Lokali L-Iklin itejjeb l-infrastruttura tal-internet u jżid il-preżenza *online*.

Il-Viċi Sindku Dorian Sciberras huwa l-persuna responsabbli mill-'Informazzjoni' u kien qed jattendi laqgħat f'isem il-Kunsill Lokali bl-iskop li titjieb l-infrastruttura diġitali tal-Kunsill Lokali L-Iklin u b'hekk ikun aktar viċin ir-resident permezz tal-preżenza online.

Il-Kunsill Lokali qed iwassal ukoll il-messagg permezz tal-paġna tal-facebook bl-iskop li l-Kunsill Lokali jilħaq firxa aktar wiesgħa ta' persuni permezz tal-mezzi soċjali.

**Laqgħa tas-Sindki li jiffurmaw parti mir-Reġjun Ċentru mal-Kabinet**

It-Tlieta, 17 ta' Ġunju, il-Kabinet indirizza l-101 laqgħa tiegħu ġewwa l-Kunsill Lokali B'Kara fejn is-Sindku Anthony Dalli kien mistieden jagħmel intervent ta' 5 minuti dwar materji pendenti fil-lokalità tal-Iklin. Is-Sindku Dalli kellu l-opportunità jwassal il-preokkupazzjoni tal-Kunsill Lokali L-Iklin lill-Onor. Prim Ministru Dr. Joseph Muscat dwar l-applikazzjoni li għandu 'on hold' mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar il-binja tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fi Triq P. Anastasju Cuschieri fejn il-Kunsill Lokali għandu d-devoluzzjoni tal-art. Semma wkoll li l-Kunsill Lokali kien bil-għaqal u saħansitra għandu Eur40,000 *savings* għal dan il-proġett.

It-tieni materja kienet tittratta s-sit ta' San Mikiel fejn il-Kunsill Lokali bi ftehim mall-Amministrazzjoni preċedenti issottometta l-applikazzjoni lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar biex isir proġett li jkun jikkonsisti f'Recreational Park u underlying Car Park. Informa li l-Kunsill Lokali għandu l-permess maħruġ mill-MEPA iżda sallum id-Dipartiment tal-Artijiet baqa' ma ħariġx Sejħa Pubblika biex isir dan l-iżvilupp.

It-tielet materja kienet tittratta dwar il-ħwat li nbnew fi żmien l-amministrazzjoni l-oħra in konnessjoni mal-piroteknika. Il-bini ta' dawn il-ħwat impatta b'mod negattiv fuq ir-residenti taż-żona peress li tneħħa l-parkeġġ fi Triq San Mikiel u sintendi żdiedet il-problema tal-parkeġġ f'din il-lokalità.

L-aħħar punt li tressaq lill-Onor. Prim Ministru Dr. Joseph Muscat kienet tittratta titjib fl-Immaniġġjar tat-Traffiku fi Triq in-Naxxar fejn talab biex l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta timplimenta 'flashing lights' fi *zebra crossing* eżistenti qabel ma jiġri xi inċident fatali. Din iz-*zebra crossing* tintuża ħafna mill-ġirien ta' din il-lokalità biex jinqdew mill-Iklin. Din tal-aħħar hija materja li tista' tiġi ndirizzata 'straight away', irrimarka s-Sindku. Fil-fatt, ix-xogħol meħtieġ sar f'qasir żmien.

## National Flood Relief Project – Triq San Mikiel / Triq il-Wied L-Iklin

Matul ix-xhur ta' Lulju, Awwissu, u Settembru 2015, saru x-xogħlijiet fi Triq San Mikiel u Triq il-Wied bħala parti mill-proġett nazzjonali ta' *National Flood Relief Project*. Fi Triq San Mikiel ġie mibni *storm water culvert* biex jilqa' għall-ilmijiet tax-xita li jinżel minn Triq il-Wied.

Dan il-proġett kien ferm utli għall-komunità tal-Iklin għaliex b'dan il-proġett kellha tissolva l-problema tal-ilmijiet voluminuzi tax-xita li kien jinżel fit-toroq tal-Iklin li ħafna drabi kien jikkawża inkonvenjent kbir u perikli oħra lir-residenti ta' Triq Ġeronimo Abos u l-madwar.

Dan kien proġett estensiv fejn saret trinka tul it-triq kollha fi Triq San Mikiel u tqiegħed *storm water pipe* ta' metru diametru u *catchment grills* tul ta' 456 metru.

Ix-xogħol kien ko-ordinat tajjeb bejn l-*istakeholders* kollha kkonċernati u ttieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex ir-residenti ma jiġux impattati b'mod negattiv matul ix-xogħlijiet. Wieħed jifhem li meta jsiru proġetti ta' ċertu kobor, ikkawża nkonvenjenzi lir-residenti tal-madwar bħal trabijiet u restrizzjonijiet oħra. Però matul il-proġett, il-Kunsill Lokali kien iffukat biex l-ilmenti li rċieva matul it-twettieq ta' dan il-proġett ġew indirizzati bl-aħjar mod possibbli.

## STEDINA MINN LIJA/IKLIN FOOTBALL YOUTH NURSERY

Lija/Iklin Football Youth Nursery għamlet stedina lis-Sindku Anthony Dalli u lis-Segretarju Eżekuttiv għal avveniment speċjali fl-istorja tal-Football Youth Nursery fejn il-Viċi President u l-*ex player* ta' Internazionale F.C. Xavier Zanetti, Viċi President għogbu jagħmel indirizz tal-okkażjoni lit-tfal ta' Lija/Iklin nhar is-17 ta' Awwissu fil-Club. Kien avveniment speċjali li jibqa' mfakkar fl-istorja tal-Football Youth Nursery. Prosit lill-Kumitat ta' Lija/Iklin Football Youth Nursery għal din l-inizjattiva.

## PROĠETT CENSE – SEMINAR ORGANIZZAT MILL-ASSOĊJAZZJONI TAL-KUNSILLI LOKALI

Is-Sindku Anthony Dalli u l-Kunsillier Yvonne Bartolo attendew seminar dwar il-proġett CENSE, konferenza li kellha tiffoka dwar EU Zero Emissions. Matul din il-konferenza ġew ippreżentati numru ta' preżentazzjonijiet maħduma minn *project partners* dwar dan is-suġġett.

## EUROPEAN WEEK OF REGIONS AND CITIES - PARTEĊIPAZZJONI FL-OPEN/NETWORKING DAYS FI BRUSSEL

F'waħda mis-sessjonijiet ta' informazzjoni li attenda għaliha s-Segretarju Eżekuttiv f'Settembru li għadda, kien hemm stedina lill-Kumitat tar-Reġjuni biex jinnominaw Sindku/Kunsillier minn kull Reġjun sabiex jirrappreżenta lir-Reġjun rispettiv f'dan l-Open/Networking Days fi Brussel bejn it-12 u l-14 ta' Brussel.

Minn fost il-68 Kunsilli Lokali, is-Sindku Anthony Dalli wera l-interess li jipparteċipa u sussegwement kien innominat mir-Reġjun Ċentru biex jirrappreżenta lil dan ir-Reġjun.

## LEJLA KULTURALI FUQ IL-LINGWI EWLENIN TA' MALTA

Il-Gimgha, 9 ta' Ottubru 2015 fis-7.00p.m. ġiet imtella' tahdita fl-apert bit-tema 'Id-Dizzjunarju fil-ħajja tagħna', mill-Prof. Charles Briffa li għadu kif ippubblika 'The English-Maltese Dictionary for the 21st Centrury (Allied Publications, Malta 2015). Din saret fi Triq Ġwann Mamo L-Iklin bil-kollaborazzjoni ta' L-Iklin Stationery u l-Kunsill Lokali L-Iklin. Sfortunatament, it-temp ma kienx jippermetti u *launching* ta' dizzjunajru ġdid sar fl-*outlet* ta' Iklin Stationery.

Dan huwa dizzjunarju bilingwi ghal min qed jistudja u ghal min ihaddem il-Malti u l-Ingliz fil-hidma tieghu. Huwa dizzjunarju tas-seklu 21, imfassal bi stil li jintlahaq minn kulhadd, jigifieri minn dawk li ghandhom kuntatt ma' testi Inglizi u jridu jhaddmu Malti modern. Fi kliem iehor, dan id-dizzjunarju huwa ghal dawk kollha li xogħolhom jinvolvi l-kliem.

Għall-professjonist, it-traduttur, l-edukatur, l-istudent, il-ġurnalist, il-kittieb kreattiv, il-politiku, dak li jikteb ir-reklami, dak li jagħmel xi taħdita formali, il-fanatiku tat-taħbiliet u għal dawk kollha li jridu jużaw il-Malti modern, speċjalment meta jkunu jridu jfittxu l-kelma eżatta għal xi terminu bl-Ingliż.

Kienet serata interessanti għal dawk li għoġobhom jattendu għal din l-inizjattiva.

## LAQGĦA MAL-ONOR. DR. MICHAEL FALZON, SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦALL-IPPJANAR, U SIMPLIFIKAZZJONI TA' PROĊESSI AMMINISTRATTIVI

It-Tnejn, 19 ta' Ottubru saret laqgħa mal-Onor. Dr. Michael Falzon dwar is-sit ta' San Mikiel L-Iklin. Preżenti għal din il-laqgħa kien ukoll il-Perit Edwin Mintoff u l-Asst. tiegħu, il-Perit Sandro Cini għall-parti tal-Kunsill Lokali.

Is-Sindku Anthony Dalli tkellem dwar dan is-sit li ilu s-snin biex id-Dipartiment tal-Artijiet joħroġ sejħa pubblika għall-iżvilupp ta' dan is-sit skont il-permess approvat tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar PA 590/09 datat 11 ta' Lulju 2011.

Is-Sindku Anthony Dalli spjega li l-permess kien wasal biex jeskadi għaliex huwa validu għal ħames snin. Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill Lokali kien ser jieħu ħsieb iġedded dan il-permess.

L-Onor. Dr. Michael Falzon wieġeb b'mod kategoriku li l-imsemmi sit ingħata lill-kumpannija JB Stores bħala *encroachment* bil-kundizzjoni li l-art tista' tittieħed lura mill-Gvern meta jidhirlu hu. L-Onorevoli tenna li l-Gvern ma jistax jibqa jagħti l-artijiet b'dan il-mod.

Is-Sindku Anthony Dalli wieġeb li din kienet sorpriża għalih meta l-Kunsill Lokali kien ilu s-snin jiddiskuti u jinnegozja kemm mal-amministrazzjoni preċedenti u wkoll mall-Gvern tal-ġurnata dwar l-iżvilupp ta' dan is-sit.

Is-Sindku Anthony Dalli għamel riferenza għal-laqgħa li kienet saret madwar sena u nofs ilu mal-Onor. Dr. Michael Farrugia.

L-Onor. Dr. Michael Falzon wieġeb li l-*encroachment* ingħata bl-iskop li JB Stores jieħu ħsieb dan is-sit, inaddaf u jagħti kisja tarmac biex jinqatgħu l-ilmenti.

L-Onor. Dr. Michael Falzon żied li mhux l-ewwel darba li l-Ministeru ġie mitlub biex inaddaf din l-għalqa minn materjal goff li jintrema minn individwi irresponsabbli f'dan is-sit.

Il-Perit Edwin Mintoff ippreżenta *site plan* lill-Onorevoli u spjega l-ideja tal-proġett.

L-Onorevoli ħa xi notamenti u talab il-file no. biex ikun jista' jsegwi l-komunikazzjoni li għaddiet bejn il-partijiet konċernati.

Il-Kunsill Lokali ser jibqa jsegwi bil-ħsieb li din l-art pubblika tiġi żviluppata skont il-permess li għandu f'idejh il-Kunsill Lokali L-Iklin biex ittejjeb l-ambjent taż-żona u jsir użu aħjar tal-art li hija tant mixtieqa mir-residenti tal-madwar.

**Bini ta' Uffiċċju Amministrattiv ġdid tal-Kunsill Lokali**

Rigward dan il-proġett, il-Kunsill Lokali għadu mweħħel bil-permess mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. L-aħħar diskussjonijiet li kienu saru dwar dan is-sit li l-Kunsill Lokali għandu d-devoluzzjoni tal-art sa mis-sena 2010, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar qed fi proċess li tirrevedi l-Pjan Lokali però sa fejn jaf il-Kunsill Lokali, ma kienx hemm l-ebda żviluppi ġodda.

Matul is-sena li għaddiet, is-Sindku sejjaħ laqgħa għall-benefiċċju tal-Kunsillieri l-ġodda biex jispejga x'sar vis-a-vis dan il-proġett matul dawn l-aħħar snin u fejn din il-laqgħa serviet bħala *brainstorming session* biex il-Kunsill Lokali, b'mod kollettiv imexxu 'l quddiem dan il-proġett.

**Il-Ħidma tal-Kunsill**

Il-Kunsill Lokali jipprovdi numru ta' servizzi pubbliċi li jolqtu b'mod dirett liċ-ċittadini ta' din il-lokalità. Il-Kunsill Lokali qed jaħdem fuq il-kwalità tas-servizz li jingħata liċ-ċittadin fejn il-Kunsill Lokali permezz tal-impjegati tiegħu qed jaħdem fuq mudell dik li bl-Ingliż tissejjeħ *delivering good customer services* permezz ta' dedikazzjoni, *empowerment*, ħidma kollettiva, informazzjoni ċara fl-amministrazzjoni, apprezzament lejn l-impjegati permezz ta' taħriġ, appraisal report u *performance bonus* għall-impjegati, l-opinjonijiet u l-*feedback* tal-impjegati. Dan kollu jissarraf fi produzzjoni akbar ta' xogħol mill-impjegati fil-Kunsill Lokali li finalment jibbenifikaw ir-residenti tal-komunità.

L-amministrazzjoni tal-Kunsill kienet għal sena oħra attiva fejn matul is-sena 2015, inħarġu (5) sejħiet pubbliċi għal servizz ta' ġbir ta' skart domestiku bieb bieb fil-lokal, servizz ta' konsulent biex isir monitoraġġ dwar l-applikazzjonijiet ta' żvilupp, servizz ta' *contract manager*, servizz għal *Road, Signs, & Markings*, servizz ta' *Certified Public Accountant*, u sejħa pubblika għal xiri ta' vettura kummerċjali b'emissjonijiet baxxi għall-użu tal-Uffiċċju u l-ħaddiema sekondati mal-Kunsill.

Is-servizzi pubbliċi jvarjaw minn tqassim ta' *vouchers* (The Celiac Voucher Scheme) għal permessi dwar depożitu ta' makkinarju fit-triq, depożitu ta' skips industrijali fit-triq, permessi għal Posti jew Kiosks, permessi għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet, permessi għal kiddie ride machines, u servizzi oħra ta' ħlasijiet taċ-ċnus tal-artijiet, multi, liċenzi tal-ħwienet, servizzi oħra pubbliċi *online* u l-aċċess għal WIFI. Jingħataw servizzi oħra bħal *seasonal influenza vaccine* li skont l-aħħar statistika, kienu 255 resident mill-Iklin 'l fuq minn 55 sena li ngħataw servizz mediku bħala prevenzjoni kontra l-influwenza.

Matul ix-xhur li għaddew, beda jiltaqa' s-sotto Kumitat taż-Żgħażagħ u Sport li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Viċi Sindku Dr. Dorian Sciberras. Saret l-ewwel laqgħa ta' introduzzjoni segwita minn laqgħat oħra li skont il-Viċi-Sindku, kienu laqgħat ta' *brainstorming* biex eventwalment titfassal politika attwali miż-Żgħażagħ għaż-Żgħażagħ. Hemm proposta li jsir *questionnaire* biex il-Kunsill jikseb l-informazzjoni dwar x'qed jistennew iż-Żgħażagħ mill-Kunsill Lokali L-Iklin, x'jixtiequ jaraw fil-lokal u x'jista jagħmel il-Kunsill Lokali biex ikun aktar viċin iż-żgħażagħ.

## Manutenzjoni, Titjib, u Tisbieħ fil-lokalità

Matul is-sena, il-Kunsill Lokali għamel l-aħjar użu mill-fondi pubbliċi u għamel xogħol ta' titjib fuq bankini, titjib fil-*playingfield*, *street furniture* ġdida, żamma tal-Parks u Ġonna manutenzjoni tal-lampi (street lighting) tat-toroq, tindif tal-ispralli tal-ilma tax-xita u *re-instatement* ta' toroq u bankini difettużi fiż-żoni urbani u dawk rurali.

Fix-xhur tas-Sajf, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta ikkummissjunat kuntrattur biex jasfalta Trejqet San Mikiel, trejqa li twasslek għall-kappella ta' San Mikiel u l-Fireworks Factory. Dan il-proġett sar taħt il-Miżura 313 b'fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropeja.

Sfortunatament, wara l-maltemp li għamel f'Awwissu 2015, ikkollassa parti sostanzjali mill-ħitan tas-sejjieħ fi Trejqet San Mikiel. Ir-restawr/rikostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ kien proġett tal-Kunsill Lokali L-Iklin li sar fis-sena 2011 b'fondi mill-Unjoni Ewropeja u l-Gvern Ċentrali taħt il-Miżura 323 *Conservation and Upgrading of the Rural Heritage.* Fil-preżent, il-Kunsill Lokali qiegħed f'diskussjonijiet mal-Periti tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta bil-possibiltà li jsir ir-rikostruzzjoni ta' dan il-ħitan.

## Immaniġġjar tat-Traffiku

Fuq l-agenda tal-Kunsill, matul is-sena kien diskuss l-immaniġġjar tat-traffiku fl-Iklin peress li l-vetturi fuq it-triq komplew jiżdiedu, diffikultajiet ta' spazji għall-parkeġġ fiż-żoni residenzjali, u diffikultajiet oħra li jġib miegħu l-immaniġġjar tat-traffiku.

Il-Kunsill Lokali ipprova jindirizza diffikultajiet individwali li jinqalgħu minn żmien għal żmien f'diversi toroq fil-lokalità. Bħala prinċipju bażiku, il-Kunsill Lokali dejjem żamm mal-*policies* eżistenti li toħroġ l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. L-ilmenti li rċieva l-Kunsill Lokali dwar l-immaniġġjar tat-traffiku ġew indirizzati mill-Kunsill u fejn kien meħtieġ, l-Uffiċċju irrikorra għand l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għal direzzjoni.

Ta' interess, is-Sindku talab ukoll laqgħa mac-*chairman* tal-Awtorità biex miegħu jiddiskuti *issues* li jikkonċernaw ir-residenti tal-Iklin. Saru wkoll xi rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill Lokali biex isir studju xjentifiku permezz tal-esperti li tippossjedi l-Awtorità biex jitjieb l-immaniġġjar tat-traffiku fl-Iklin.

Ġew diskussi proposti oħra aktar innovattivi dwar il-*parking spots* fil-lokalità li tista' tkun allaċċata ma' inċentivi jew skemi ġodda li jista' jniedi l-Gvern Ċentrali għal min jagħżel li jixtri vetturi żgħar (city cars) b'emissjonijiet baxxi fejn qed jiġi propost li l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tistudja proposta li jiġu varati *parking spots* b'miżuri iżgħar minn sitt metri applikabbli għall-vetturi żgħar bil-ħsieb li jkun hemm awment fl-ispazji għall-parkeġġ. Din il-proposta tista' tkun waħda mis-soluzzjonijiet għar-residenti li qed jiffaċċjaw diffikultajiet ta' parkeġġ. Il-Kunsill Lokali ser jimbotta din il-proposta mal-Awtoritajiet bil-għan li nsibu soluzzjonijiet.

Il-Kunsill Lokali L-Iklin huwa kommess li jibqa jsegwi u jfittex soluzzjonijiet għall-benefiċċju tal-komunità. Il-Kunsill Lokali qed jaspira li matul din il-leġiżlatura, b'rieda sħiħa mill-Kunsill sħiħ, ikun katalista fl-idejat tiegħu u jagħmel qabża fil-kwalità tal-ħajja ta' kull resident fil-lokalità.

## *Re-surfacing* ta' Triq Giovanni Curmi (Proġett kapitali tal-Kunsill Lokali L-Iklin)

Lejn l-aħħar kwart tas-sena, il-Kunsill Lokali għamel ukoll xogħol ta' titjib infrastrutturali fi Triq Giovanni Curmi fejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma bidlet is-servizzi kollha tal-ilma u l-Kunsill Lokali għamel *re-surfacing* tat-triq tul ta' 160 metru u 9 metri wiesa'. B'dan il-proġett li tlesta fil-ħin (preċiżament ħa 37

ġurnata biex tlestew ix-xogħlijiet) lejn tmiem is-sena nkluż *road markings* ġodda fit-triq, il-Kunsill Lokali kompla jtejjeb l-infrastruttura tal-lokal biex tgawdi minnu l-komunità tal-Iklin.

Ċertament, dan il-proġett kapitali jimmarka *achievement* ieħor kbir għall-Kunsill Lokali u l-komunità tal-Iklin fis-sena 2015.

**Attivitajiet**

Kif aċċennajt aktar 'il fuq, il-Kunsill Lokali ħadem fuq numru ta' attivitajiet immirati għall-komunità u b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet tal-lokal, il-Kunsill Lokali rnexxielu jżomm il-kuntatt mar-residenti permezz ta' dawn l-attivitajiet.

**Il-Kunsill Lokali L-Iklin jirċieivi Award 'The most Supportive Local Council'**

Fil-5 ta' Novembru li għadda, il-Kunsill Lokali L-Iklin kien ippremjat bl-Award 'The Most Supportive Local Council' mill-kumpannija GreenMT li tieħu ħsieb il-*Waste Management Services.* Din il-preżentazzjoni saret fil-lukanda Corinthia ta' Ħ'Attard u fejn is-Sindku Anthony Dalli ġie ippreżentat bi trofew mill-Onor. Dr. Stefan Buontempo, Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali.

Il-Kunsill Lokali għandu wkoll l-ambizzjoni biex jilħaq il-miri tiegħu biex il-lokalità tal-Iklin tkun l-aktar lokalità li tirriċikla skart riċiklabbli. Ir-residenti kollha għandhom jgħarrfu l-importanza li llum aktar minn qatt qabel, l-iskart sar riżorsa u b'mod a favur l-ambjent, kull residenza għandha tappoġġja lill-Kunsill Lokali f'din l-inizjattiva ambjentali.

**Kontijiet Bankarji**

Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank sal-31.12.2015

| | | |
|---|---|---|
| HSBC Bank: | Kont Kurrenti | €148,726.01 |
| | Kont Savings | €40,384.85 |
| | Kont Fiss (1) | €7,286.38 |
| | Kont Fiss (2) | €5,817.00 |
| | Kont Savings | €5,029.23 (Funds generated from LES) |
| BOV p.l.c. | Kont Kurrenti | €941.84 (LES Pre-Region) |
| | Kont Measure 323 | €18,307.88 (To be transferred to Paying Agency's Account) |
| | Kont Savings | €0.01c (Ecommerce Merchant Account) |
| | Petty Cash | €69.88 |

## Għeluq

Kif jitlob l-Att Kap. 363 li jwaqqaf il-Kunsilli Lokali, mitlubin sabiex tissejjaħ laqgħa annwali tal-lokalità biex jiġi ppreżentat rapport amministrattiv li turi l-ħidma tal-Kunsill Lokali. Apparti minn hekk, l-iskop tal-laqgħa jkun sabiex dawk ir-residenti li isimhom jidher fir-Reġistru Elettorali ikunu jistgħu jattendu biex jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom, dment li jkunu proġetti tanġibbli u affordabbli, dan sabiex il-Kunsill Lokali, meta jiġi biex jipprepara l-estimi tal-infieq, ikun jista janalizza dawn is-suġġerimenti bil-possibiltà li jinkludihom biex jidħlu fil-pjan ta' ħidma għat-tliet snin li ġejjin.

Nassigurakhom li f'kull laqgħa tal-lokalità, jitressqu suġġerimenti tajbin minn dawk preżenti. Imbagħad, il-Kunsill Lokali, wara li janalizza s-suġġerimenti, jara x'ikun l-aħjar biex jindirizzahom jew jiġu riferuti lil xi Awtorità kompetenti minħabba n-natura tat-talba jew talbiet li jsiru mir-residenti.

Wieħed għandu jifhem li l-Kunsill Lokali mhux dejjem ikun jista jwettaq dawk ix-xewqat jew talbiet tar-residenti minħabba raġunijiet varji. Il-Kunsill Lokali irid jaħdem bl-allokazzjoni finanzjarja li jirċievi mill-Gvern Ċentrali u marbutin li nżommu strettament mal-estimi tal-infieq skont il-proċeduri finanzjarji tal-Kunsilli Lokali u skont ir-Regolamenti finanzjarji.

Fl-aħħarnett, nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lis-Sindku u l-Kunsillieri kollha nkluż l-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ tal-kontribut sħiħ tagħhom b'risq il-lokalità għall-ġid ta' din il-komunità. Irrid ukoll nirringrazzja lil dawk ir-residenti li għoġobhom jissieħbu f'xi sotto-Kumitat biex jassistu lill-Kunsill fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tiegħu. Nirringrazzja b'mod partikolari lill-amministrazzjoni u l-ħaddiema sekondati mal-Kunsill Lokali u fl-aħħar u mhux l-anqas lir-residenti li jikkoperaw f'xi inizjattiva li jieħu l-Kunsill Lokali minn żmien għal żmien. Nagħlaq billi nirringrazzja lill-W. Rev. Kappillan P. Keith Bonnici li għoġbu joffri l-ispazju biex il-Kunsill Lokali seta' jsejjaħ din il-laqgħa annwali tal-lokalità.

Etienne Montfort

Segretarju Eżekuttiv

04.02.2016